# Il-leġġenda tal-Madonna ta' Liesse

Tony C Cutajar

Din hija waħda mill-eqdem stejjer dwar tliet membri tal-Ordni ta' San Ġwann u li hija ħafna għal qalb l-Ordni. L-istorja hija dwar tliet Kavallieri Franċiżi li kienu aħwa. Dawn kienu ġejjin minn familja nobbli mill-belt ta' Laon, f'Picardy. Wieħed kien D'Eppe, l-ieħor De Marchoix u ż-żgħir De Sante.

Fl-1134 huma kienu stazzjonati fis-Sirja meta ħadu sehem f'battalja mat-Torok. Waqt li numru ta' kavallieri nqatlu, huma t-tlieta ġarrbu ġrieħi ma' ġisimhom u nqabdu bħala lsiera. Wara li bil-mod il-mod fiequ mill-ġrieħi li kellhom huma ġew meħuda fil-Kajr u ppreżentati lis-Sultan Fatimid Al Ħafiż. Huwa mill-ewwel ħa grazzja magħhom anke jekk deher aħrax għall-ewwel.

"Intom Insara u ma ħaqqkomx lanqas biss tidhru quddiemi," kienu l-ewwel kliem tiegħu. "Il-ħsara li saritilna mill-Ordni tagħkom hija kbira wisq biex ninsa. Madankollu nħoss li għadkom żgħar wisq biex nikkastigakom ħalli tpattu xi ftit għad-deni li sofrejna min-nies tagħkom. Irrid nagħtikom ċans terbħu l-ħbiberija tiegħi billi tiċħdu l-fidi tagħkom u ssiru Mawmettani bħalna lkoll."

L-ebda wieħed mill-aħwa ma tkellem.

"Is-skiet tagħkom ifisser ħaġa waħda. Li ma taqblux mal-proposta tiegħi. Tidhru żgħażagħ sbieħ u nobbli u nwegħdkom li tgħixu ħienja u komdi għax ma jixirqilhomx mod ieħor. Xi tgħidu?"

Reġgħu ma weġbuhx.

"Donkom qed tistħu minni iżda m'għandkomx għalfejn. Tkellmu, għiduli, lesti li ssiru tħobbu r-reliġjon ta' Mawmettu? Lesti li taħdmu magħna bħala ħbieb..."

"Aħna ma nistgħu qatt inkunu ħbieb tagħkom," wieġbu D'Eppe b'kuraġġ kbir, "għax intom minn dejjem kontu għedewwa ta' Dak Kristu li aħna nemmnu fih b'qalbna kollha."

"Isimgħu kif jitkellem dan l-iblah!" qal is-Sultan. "Kieku nzertajt kont ħaddieħor kont inġagħalhom itajrulek rasek minn fuq għonqok. Hawnhekk issemmix ereżiji bħal dawk..."

"Tista' taqbad u ttajrilna rasna minn fuq għonqna għax aħna ma nistgħu qatt niċħdu lill-imgħallem tagħna Ġesù Kristu," wieġeb De Marchoix.

"Int ukoll! Mela miftehmin kif tkellmuni. Iżda ħukom iż-żgħir jidher li huwa l-iktar wieħed bil-għaqal fostkom u moħħu f'postu. Huwa bħali jħobb il-ħajja, hux tassew, żagħżugħ?"

"Jiena u ħuti qatt m'aħna lesti niċħdu r-reliġjon tagħna," qabeż jgħid De Sante. "Aħna lesti li mmutu għal elf darba milli nħaddnu s-superstizzjonijiet tagħkom..."

"Biżżejjed! Biżżejjed!" għajjat is-Sultan kollu rrabjat. "Intom l-Insara kollha mġienen xorta waħda. Mela ħalli nara l-kuraġġ tagħkom sa fejn iwassal. Miniex sa noqtolkom għax naf li żgur li ma ddumux ma tindunaw bl-iżball tagħkom. Tindunaw kemm intom boloh li tirrifjutaw l-offerta ġeneruża tiegħi. Suldati, ibgħatu għal Omar. Malajr!"

Meta wasal Omar, is-Sultan qabad jidħaq. "Dan anke meta tħares lejh iġagħlek tagħmel taħtek bil-biża', aħseb u ara meta tkunu taħt idejh."

Omar kien raġel ikrah, m'għola hawn u b'għajn waħda. "Dan mhux se jżiegħel bikom kif għamilt jien," qal is-Sultan. "Huwa jobgħod lill- Insara ħafna iktar minni. Meta ma tifilħux tissaportu l-kumpanija tiegħu u tkunu lesti li ċċedu, jiena ngħoddkom bħala ħbiebi."

Imbagħad dar lejn Omar. "Irridek tieħu lil dawn it-tliet żgħażagħ taħt idejk. Għalissa ħudhom fil-kalzri taħt l-art tal-palazz u agħtihom biss ħobż u ilma. Iżda ma rridx swat u lanqas torturi. Huma ma jdumux ma jaraw l-iżball kbir tagħhom u jikkonvertu għar-reliġjon tagħna."

Marbutin flimkien it-tlitt aħwa ġew imkaxkra b'mod goff f'wieħed mill-agħar kalzri li kien hemm taħt il-palazz. Kien post maħmuġ għall-aħħar li ma kontx tissaporti l-intejjen li kien hemm fih. Kien post mudlam b'bibien tal-ħadid u tieqa żgħira fl-għoli li minnha kien jidħol ftit tad-dawl.

Omar tefagħhom mal-art marbutin kif kienu u sakkar warajh. "Meta tiddeċiedu li tabbandunaw ir-reliġjon moqżieża tagħkom," qalilhom b'leħen aħrax, "sejħuli u niġi niftħilkom bil-qalb kollha. Il-bqija tistennewx ħniena minn bniedem bħali li qatt ma wera ħniena ma' nies foloz bħalkom."

Is-Sultan Al Ħafiż kien determinat li bis-sewwa jew bid-dnewwa jagħmel mit-tliet kavallieri segwaċi ta' Moħammed. Kien żgur li ma kinux lesti jissagrifikaw iż-żogħżija tagħhom, anke jekk dehru mkabbrin u stinati. Bagħat għal numru ta' qassisin Mawmettani, l-aħjar li kien hemm fl-Eġittu biex jippruvaw idawruhom bil-kelma t-tajba u bil-persważjoni. Riedhom iwegħduhom flus u għana kemm riedu u li jaħtarhom fl-ogħla karigi fis-saltna tiegħu.

Il-qassisin ġew meħudin fil-kalzri. Huma ġagħlu lil Omar iħollhom mill-irbit li kienu marbutin bih. Poġġew bilqiegħda fl-art ħdejhom u b'ħafna żegħil qagħdu jargumentaw magħhom u juruhom kemm kien għaqli t-tagħlim ta' Mawmettu. It-tliet kavallieri mhux talli ma mpressjonawx ruħhom b'dak kollu li semgħu, talli anke waqqgħu għaċ-ċajt lill-qassisin u qabdu jqabblu r-reliġjon tagħhom biex juru d-differenza kbira li kien hemm bejniethom.

Il-qassisin ħassewhom umiljati minn dawn it-tliet żgħażagħ u wieħed minnhom qabad jgħajjarhom. "Intom tridu tgħallmu lilna, għadkom ħerġin minn ġuf ommkom!" qalilhom. "Aħna għamilna snin twal nitgħallmu u nistudjaw il-Koran, filwaqt li intom għall-ġlied biss tajbin. Ma nafx għaliex is-Sultan ma ħelesx minkom..."

"Le, mhux hekk, ħija," waqqfu qassis ieħor. "Dawn għadhom mingħajr esperjenza. Ma jafux x'taf tagħti d-dinja. Ma jafux x'inhu l-aħjar għalihom. Huma nies indottrinati bħal ma huma l-Insara kollha."

"Sewwa qed jgħid sieħbi," qabeż jgħid it-tielet wieħed. "Għadkom fl-aħjar tagħkom u tkun ħasra jekk ma ċċedux. Is-Sultan tagħna huwa ħanin u lest li jagħtikom pożizzjoni għolja fil-pajjiż. Tidhru żgħażagħ intelliġenti iżda fi ċkunitkom imlewlkom moħħkom b'duttrina falza. Iva, id-differenza ta' bejnietna hija kbira għax aħna għandna l-ġenna tistenniena iżda intom le. Ma tixtiqux tmorru tgawdu...?"

Iż-żgħażagħ ma felħux jisimgħu iżjed u talbu lil Omar biex ikeċċi lill-qassisin miċ-ċella tagħhom.

Meta l-qassisin dehru quddiem is-Sultan u qalulu kif kienu marru, qabad jgħajjarhom bla moħħ, injoranti u defiċjenti u bagħthom jixxejru. Dam ħafna jaħseb kif se jirnexxilu jdawwar lil dawk it-tliet kavallieri. Ma kienx

beħsiebu jitlifhom minn taħt idejh. Fl-istess ħin ried ipattiha lill-Ordni ta' San Ġwann billi jagħmel minn kollox biex jikkonvertihom għar-reliġjon tiegħu.

Fl-aħħar ġieh ħsieb li jagħmel użu minn bintu Ismerja, tfajla sabiħa, intelliġenti u mimlija b'ħafna doni. Kien imkabbar ħafna biha u ma kellu l-ebda biża' li dawk it-tlieta setgħu japprofittaw ruħhom minnha. Għalkemm kienu fl-aħjar tagħhom, it-tlieta dehru serji u tal-affari tagħhom. Iżda kien jaf li żgħażagħ ta' dik l-età żgur li kienu jinġibdu wara bintu li bis-sbuħija tagħha setgħet iddawwarhom.

Bagħat għaliha. "Ismerja, qalbi, x'jidhirlek minn dawk it-tliet kavallieri li kelli hawn quddiemi jumejn ilu? Humiex sbieħ, ħafna isbaħ minn dawk kollha li ilhom żmien twil jiġru warajk?"

"Iva, missier, sbieħ ħafna. Ftit rajt żgħażagħ ħelwin daqshom. In-nies tagħna humiex sbieħ bħalhom."

"Jiena nixtieqek issir tafhom, iżżiegħel bihom biex iġġagħalhom jibdlu r-reliġjon tagħhom ma' tagħna. Inti intelliġenti biżżejjed biex tkun taf kif għandek tmur magħhom. Ipprova kkonvinċihom kemm hi falza r-reliġjon tagħhom. Uża l-argumenti kollha, iżda jekk ma jirnexxilekx, is-sbuħija tiegħek għandha ddewbilhom qalbhom. U jekk is-sbuħija ma tkunx biżżejjed, għax huma rashom iebsa, il-pjaċiri tal-ġisem għandhom żgur irattbulhom qalbhom u jħalluhom b'ilsienhom barra. Inti taf x'għandek tagħmel. Żgur li ftit raw tfajliet sbieħ daqsek, anke f'pajjiżhom."

"Naf x'għandi nagħmel, missier, biex il-pjan li għandek f'moħħok jirnexxilek. L-ebda ġuvni ma jista' jibqa' indifferenti quddiem id-doni kollha li għandi. Fejn se niltaqa' magħhom?"

"Omar qed iżommhom fil-kalzri u hemm irridek tinżel biex taqsam magħhom is-sbuħija tiegħek. Agħmel minn kollox biex jirnexxilek."

Ismerja niżlet fiċ-ċella u keċċiet lil Omar wara li ġabilha banketta. It-tliet żgħażagħ baqgħu skantati meta rawha quddiemhom. Kienet mara tassew sabiħa, imżejna bi ġmiel kbir. Qatt ma stennew li se jġibulhom mara hekk mill-isbaħ f'post bħal dak. Ħassewhom mifxulin għax beżgħu li hija kienet parti mill-pjan tas-Sultan biex iwaqqagħhom fid-dnub. Għalhekk staqsewha min kienet.

Hija ma weġbithomx mal-ewwel iżda kelmithom bil-ħlewwa u xtaqithom li tiltaqa' magħhom f'post ħafna aħjar u isbaħ minn ċella maħmuġa kollha ntiena. Iżda kollox kien jiddependi minn kif kienu se jilqugħha. Meta qaltilhom min kienet iktar ħassew ruħhom f'nofs ta' komplott.

Qabdet titkellem fuq is-sbuħija tar-reliġjon ta' Mawmettu u huma qagħdu jisimgħuha bl-edukazzjoni kollha. Hi mill-ewwel inġibdet lejhom u bi ħbiberija kbira kompliet tispjega. Ma damux ma qabdu jweġbuha u juruha l-gideb u n-nuqqas ta' moralità f'dak li kienet qed titkellem fuqu. Għal ħin twil Ismerja opponiet l-opinjonijiet tagħhom b'kuraġġ kbir.

Missierha ħa pjaċir b'dak li qaltlu għax ħaseb li kien se jirnexxilha tikkonvinċihom. Anzi ordna biex iċ-ċwievet ta' fejn kienu maqfulin l-aħwa jingħataw f'idejn bintu biex tkun tista' tmur tkellimhom ta' spiss.

Ismerja kienet tieħu pjaċir tinżel ħdejn iż-żgħażagħ għax kienet ħadet grazzja magħhom tassew anke jekk ma kinux jaqblu bejniethom. Anzi issa bdiet teħdilhom iktar ħobż u ilma mis-soltu. Bdiet tqatta' kull ftit ħin li kellha magħhom.

Sabet li bdiet tieħu interess mhux biss fihom bħala żgħażagħ edukati u ta' manjieri ġentili, iżda wkoll għal dak li bdew jgħidulha fuq ir-reliġjon tagħhom. L-iktar li nġibdet kien lejn dak li qalulha dwar il-Verġni Marija li riedet issir taf iżjed dwarha. Kienet semgħet biha qabel iżda dak li qalulha l-kavallieri kien kollu ġdid u ħafna iktar interessanti. Wara xi żmien talbithom jagħtuha xi santa tagħha.

"Hawn m'għandna xejn," qalilha De Marchoix.

"Ma tpinġulix ix-xbieha tagħha, jew forsi tnaqqxuha fuq biċċa njama?"

"Jiena miniex skultur," qal D'Eppe, "iżda jekk iġġibli biċċa njama u biex innaqqax nipprova mill-aħjar li nista'."

"Jekk jirnexxilek nibda nġibilkom mill-aħjar ikel li nieklu aħna u ngħinkom biex tmorru lura s-Sirja."

Hekk kif telqet De Sante ħataf lil ħuh. "Għalfejn qgħadt twiegħed li se tnaqqax ix-xbieha tal-Verġni Marija meta int kapaċi tnaqqax daqs kemm kapaċi nnaqqax jien?"

"Ismerja żgur li taħsibna giddibin u qarrieqa..." kompla De Marchoix.

"Isimgħuni," weġibhom ħuhom il-kbir. "Kull m'għandna nagħmlu hu li nafdaw fis-sema. Ejjew nitolbu flimkien għall-għajnuna."

Ismerja kienet pronta ġabet magħha kull ma kellu bżonn il-kbir fost l-aħwa, kif ukoll kwantità kbira ta' ikel fin. Wara li telqet huma niżlu għarkupptejhom u qabdu jitolbu l-għajnuna tas-sema sakemm qabadhom in-ngħas u raqdu mitluqin fl-art.

F'nofsillejl ġew l-anġli u ġabu magħhom fiċ-ċella statwa żgħira tal-injam tal-Verġni Marija. F'dak il-ħin id-dlam taċ-ċella tbiddel f'dawl qawwi jgħammex l-għajnejn. Insemgħet mużika mill-isbaħ u fwieħa mliet id-dawra kollha, tant li t-tliet żgħażagħ qamu jiġru bl-impressjoni li din kienet parti mill-ħolma li kellhom.

Filgħodu tfaċċat Ismerja b'iktar ikel fin. Meta lemħet l-istatwa qalbha xegħlet b'imħabba kbira lejn Ġesù u ommu Marija. L-aħwa qalulha x'kien ġara iżda hi ma riditx temmen. D'Eppe ġabilha l-injam li kienet newlitlu li kien għadu fl-istess kundizzjoni. It-tfajla baqgħet imbellha.

"Jekk tagħtuni dik l-istatwa," qaltilhom, "jiena nsir Nisranija bħalkom. U nagħmel minn kollox biex neħliskom minn hawn."

L-aħwa tawha l-istatwa żgħira tal-injam u tant kienu ferħana li dak il-ħin stess semmew l-istatwa IL-MADONNA TA' LIESSE għax liesse tfisser ferħ.

Ismerja bdiet tbus l-istatwa kemm tiflaħ, għafsitha ma' sidirha u talbet bil-qalb. Tellgħetha fuq magħha, ksietha bi ħwejjeġ sbieħ tal-ħarir u ħbietha fejn ħadd ma seta' jsibha. Wara, hija marret ħdejn missierha u qaltlu kemm it-tliet kavallieri kienu viċin li jikkonvertu. Is-Sultan biesha kemm felaħ u deher ferħan daqsha.

Waqt li kienet rieqda dehritilha l-Madonna li assiguratha li ma ddumx ma tirċievi l-magħmudija u li hi tkun responsabbli li dik l-istatwa ssib ruħha fi Franza. Ismerja qamet mis-sodda, ġabret il-ġojjelli u l-flus li kellha, geżwrithom f'sorra flimkien mal-istatwa u niżlet bil-kwiet u fid-dlam fiċ-ċella.

Qajmet lill-kavallieri u qaltilhom biex imorru warajha. Harġu mill-kastell u qasmu l-Kajr bil-mixi mingħajr ma ltaqgħu ma' ħadd fit-triq. L-aħwa

kienu mbeżżgħin li s-Sultan isir jaf bil-ħarba tagħhom u jibgħat is-suldati għalihom. Beżgħu wkoll għal Ismerja iżda meta qalulha wriethom li hi ma kellha l-ebda biża'.

Waslu ħdejn ix-xmara Nil li ma kinux jafu kif kienu se jaqsmu għan-naħa l-oħra. F'daqqa waħda dehret dgħajsa riesqa lejhom. Fiha kien hemm ġuvnott sabiħ li qalilhom biex jirkbu miegħu. Hekk kif waslu n-naħa l-oħra kemm il-ġuvnott sabiħ kif ukoll id-dgħajsa ma dehrux iżjed.

Imxew il-kumplament tal-lejl sakemm Ismerja talbet biex tistrieħ. Staħbew wara s-siġar u raqdu. Meta qamu kienu Franza ħdejn il-funtana tal-kastell tal-familja taż-żgħażagħ. Kienu se jidħlu jiġru fil-kastell meta ndunaw li bl-eċċitament li kellhom fuqhom kienu ħallew l-istatwa fuq iċ-ċint tal-funtana. Meta marru għaliha sabu li l-istatwa kienet ixxarbet bl-ilma tal-funtana. Għal ħafna snin dak l-ilma fejjaq ħafna mard u qala' ħafna grazzji.

Dak il-ħin stess l-erbgħa li kienu qablu li jibnu knisja għall-istatwa eżatt ħdejn il-funtana. Huma u jaqsmu l-ġnien li jagħti għall-kastell, l-istatwa tant tqalet li ma felħux iġorruha u kellhom iħalluha fl-art. B'hekk fehmu li l-Verġni Marija riedet li l-knisja tinbena hemm u f'daqqa waħda l-istatwa reġgħet ħfiefet kif kienet qabel.

Omm it-tliet kavallieri laqegħthom b'ferħ kbir kif ukoll in-nies tal-villaġġ li għamlulhom festa mill-isbaħ. Is-sbejħa Ismerja ġiet mgħammda mill-Isqof ta' Laon, Barthelemy de Jur, u ngħatat l-isem ta' Marija. Il-knisja qabdet tinbena f'naħa li għażel l-isqof iżda l-istatwa ma dehret imkien. Fittxewha u sabuha fil-ġnien fejn kienet tqalet fil-piż. U kien hemm li nbniet il-knisja sabiħa dedikata lill-Madonna ta' Liesse.

Il-knisja malajr saret santwarju mirakuluż u ta' pellegrinaġġi minn Franza kollha. Il-villaġġ sar belt żgħira b'1,400 ruħ u ssemmiet Liesse Saint-Marie.

Is-sbejħa Marija baqgħet tgħix ħajja qaddisa ma' omm it-tliet aħwa u llum tinsab midfuna fil-knisja ta' Liesse. Il-kavallieri ta' San Ġwann, b'mod speċjali dawk Franċiżi, ħadu magħhom f'Malta d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Liesse li saret l-ikona li jitolbu quddiemha bħala protezzjoni mill-iskjavitù. Fuq ix-xatt tal-Port il-Kbir huma bnew knisja dedikata lilha fl-1620. Din reġgħet inbniet fl-1740 mill-kavallieri Franċiżi fuq disinn tal-perit Malti Francesco Zammit. Hija tbierket minn Mons. Rull, il-Gran Prijur tal-knisja, u iktar tard mill-Isqof Labini fl-1806. Il-pittura tat-titular turi lil-Madonna ta' Liesse u lit-tliet aħwa kavallieri.